



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-8 ta' Novembru 2022

L-irkupru, l-enerġija, il-klima, is-sigurtà u ħafna aktar suġġetti taħt l-iskrutinju tal-awdituri tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) illum ippubblikat il-Programm ta' Ħidma 2023+ tagħha, fejn elenkat il-prijoritajiet tal-awditjar tagħha għall-futur qarib. Dawn se jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, li jirriflettu l-isfidi prinċipali u t-ħassib ewlieni tal-UE fir-rispons tagħha għall-bosta kriżijiet li qed tiffaċċja. L-awdituri se jkomplu jivverifikaw jekk l-UE hijiex qed tinqeda sew bi flus il-kontribwenti biex tikseb ir-riżultati intenzjonati.

Il-Programm ta' Ħidma 2023+ tal-QEA fih lista ta' 82 suġġett li huma marbuta ma' oqsma ta' prijorità strateġiċi. Pereżempju, 12-il awditu jkopru n-“NextGenerationEU” (NGEU), il-pakkett għall-irkupru mill-pandemija f'ammont ta' EUR 800 biljun, li jkopri prinċipalment il-Faċilità għall-irkupru u r-Reżiljenza (RRF). Taħt “it-tibdil fil-klima, l-ambjent u r-riżorsi naturali”, il-programm ta' ħidma jelenka 21 awditu, inkluż dwar is-sigurtà tal-enerġija, it-tniġġis, it-trasport tal-annimali u l-produzzjoni sostenibbli tal-ikel. Il-QEA se tħares ukoll lejn l-azzjoni esterna tal-UE, bħall-għajnuna għar-rifuġjati, il-mobbiltà militari u l-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni.

“Kull ċittadin tal-UE u tal-Istati Membri tagħha qed iħabbat wiċċu mal-effetti ta' bosta kriżijiet: il-pandemija globali, it-tibdil rapidu fil-klima u, aktar reċentement, kriżi enormi tal-enerġija, tas-sigurtà u tal-migrazzjoni kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna,” qal il-President tal-QEA Tony Murphy. *“Aħna, bħala l-awditur indipendenti tal-UE, għalhekk se nivverifikaw li l-fondi tal-UE ntefqu tajjeb biex jgħinu biex jingħelbu l-effetti ta' dawn il-bosta kriżijiet.”*

L-awdituri se jeżaminaw ukoll kwistjonijiet ewlenin rigward il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE, bħall-produzzjoni tal-batteriji, l-investimenti fl-intelliġenza artifiċjali u l-promozzjoni tat-trasport tal-idroġenu. Fir-rigward tal-politiki fiskali, huma se jħarsu b'mod partikolari lejn is-superviżjoni bankarja tal-UE, il-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa fl-UE u l-prestazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Se jiġu koperti wkoll ħafna suġġetti rilevanti oħra tal-UE, mit-trasparenza tal-attivajiet ta' lobbjar fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE u l-istat tad-dritt

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw l-elementi prinċipali tal-Programm ta' Ħidma 2023+ tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Il-programm ta' ħidma sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

sas-sikurezza fit-toroq u d-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa. Fl-aħħar nett, tliet awditi se jkunu ddedikati għall-ġlieda kontra l-frodi: l-azzjoni meħuda mill-UE biex jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess, l-istrateġija tal-UE kontra l-frodi, u l-miżuri tal-UE kontra l-frodi tal-VAT fuq l-importazzjonijiet.

Informazzjoni ġenerali

Permezz tax-xogħol tal-awditjar li hija twettaq, li huwa indipendenti, professjonali u jħalli impatt, il-QEA tivvaluta l-ekonomija, l-effettività, l-effiċjenza, il-legalità u r-regolarità tal-azzjoni tal-UE. Ir-rapporti u l-opinjoni tal-awditjar tagħha huma element essenzjali tal-katina tal-obbligu ta' rendikont tal-UE – huma jitolbu rendikont mingħand dawk li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE: il-Kummissjoni Ewropea, il-korpi l-oħra tal-UE u l-amministrazzjonijiet fl-Istati Membri. Huma jgħinu wkoll liċ-ċittadini tal-UE biex jifhmu b'mod aktar ċar kif l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jiffaċċjaw l-isfidi attwali u tal-futur.

Il-Programm ta' Ħidma 2023+ huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547